MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru 286/2008

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA’
VS
MARIA MAGDALENA SULTANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Maria Magdalena Sultana, ta’ 32 sena, bint Costantino u Winifred nee’ Zarb, imwielda Attard, fl-14 ta’ April 1976, residenti fi Block VII, Bieb B, Flat 15, Triq il-Buganvilla, San Gwann u detentrici tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 584676(M)

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Dicembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata sethget taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsnes ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputata sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat

Semghet l-konferma ta' l-istess amissjoni ta' l-imputata wara li l-Qorti akkordatilha zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata, hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 187(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista ta' l-ammissjoni bikrija taghha, l-koperazzjoni shiha mal-Pulizija, il-fatt illi ghandha fedina penali nadifa netta, il-fatt illi l-imputata hija 'a single mother' u tinstaghab mifniha bi problemi finanzjarji u l-fatti speci tal-kas, fejn il-falsifikazzjoni kienet maghmulha fuq ic-certifikati ta' l-edukazzjoni ta' l-imputata stess, fi sforz sabiex hija jirnexxielha tikseb impjieg ahjar sabiex tkun f'qaghda li tmantni u trabbi t-tifla taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------